**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru , 2016

Rikors Nru : 357/16 AL

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata nhar il-31 ta' Lulju 1998, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal W u R B illi ghadhom minorenni u li ghandhom hdax (11) u erbatax (14)-il sena rispettivament u dana skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghhom illi qeghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. B u Dok. C rispettivament.

Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irremedjabbilment u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-ligi, u effettivament huma ilhom isseparati legalment sa mill-1 ta' Novembru 2006, skont ma jidher mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn anness, esebiti u mmarkata bhala Dokument D, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 66B (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi llum-il gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin u effettivament l-esponenti ghandu relazzjoni ma' terza persuna, u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal-Artikolu 66B (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni personali taghhom (Dok. D), ir-rikorrenti obbliga ruhu illi jhallas lill-intimata s-somma ta' LM 180 llum ekwivalenti ghal €419.40 kull xahar, ghall-ulied minuri, liema manteniment jithallas regolarment;

Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar il-31 ta' Lulju 1998, ai termini tal-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Awwissu 2016 ;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha takwijexxi ghat-talbiet kif dedotti mir-rikorrenti zewgha A B ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara illi m'ghandha ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill- 1 ta' Novembru 2006 ;

Illi r-rikorrenti ippruva ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.